REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 489/2009

tal-10 ta' Ġunju 2009

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni minn tal-1 sa tal-5 ta' Ġunju 2009 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti tariffarji u tal-ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi, għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, regoli dettaljati għall-applikazzjoni għall-importazzjoni u l-irfinar ta' prodotti tas-settur taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u ċerti ftehimiet preferenzjali [2], u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) Applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tressqu lill-awtoritajiet kompetenti fil-perjodu minn tal-1 sa tal-5 ta' Ġunju 2009 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew ir-Regolament (KE) Nru 508/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jiftaħ kwoti ta' tariffi għall-importazzjonijiet fil-Bulgarija u r-Rumanija taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat għal provvista lil raffineriji fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 [3], għal kwantità totali li hija daqs, jew aktar minn, dik disponibbli għan-numru tas-serje 09.4366 (2008-2009).

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skont il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u/jew tinforma lill-Istati Membri li jkun intlaħaq il-limitu li kien iffissat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa minn tal-1 sa tal-5 ta' Ġunju 2009 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007, għandhom jinħarġu liċenzji fil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1.
[3] ĠU L 122, 11.5.2007, p. 1.

ANNESS

Zokkor Preferenzjali; l-AKP u l-Indja

Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006

Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4331	Il-Barbados	100	
09.4332	Il-Beliż	0	Intlaħqu
09.4333	Il-Kosta tal-Avorju	100	
09.4334	Ir-Repubblika tal-Kongo	100	
09.4335	Il-Fiġi	100	
09.4336	Il-Ġeorġja	100	
09.4337	L-Indja	0	Intlaħqu
09.4338	Il-Ġamajka	100	
09.4339	Il-Kenja	100	
09.4340	Il-Madagaskar	100	
09.4341	Il-Malawi	0	Intlaħqu
09.4342	Il-Mawrizju	100	
09.4343	Il-Możambik	0	Intlaħqu
09.4344	Saint Kitts u Nevis	—	
09.4345	Is-Surinam	—	
09.4346	Is-Sważiland	0	Intlaħqu
09.4347	It-Tanzanija	100	
09.4348	Trinidad u Tobago	100	
09.4349	L-Uganda	—	
09.4350	Iż-Żambja	100	
09.4351	Iż-Żimbabwe	0	Intlaħqu

Zokkor Preferenzjali; l-AKP u l-Indja

Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006

Is-sena tas-suq Lulju-Settembru 2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4331	Il-Barbados	100	
09.4332	Il-Beliż	100	
09.4333	Il-Kosta tal-Avorju	100	
09.4334	Ir-Repubblika tal-Kongo	100	
09.4335	Il-Fiġi	100	
09.4336	Il-Ġeorġja	100	
09.4337	L-Indja	0	Intlaħqu
09.4338	Il-Ġamajka	100	
09.4339	Il-Kenja	100	
09.4340	Il-Madagaskar	100	
09.4341	Il-Malawi	100	
09.4342	Il-Mawrizju	100	
09.4343	Il-Możambik	100	
09.4344	Saint Kitts u Nevis	—	
09.4345	Is-Surinam	—	
09.4346	Is-Swaziland	100	
09.4347	It-Tanzanija	100	
09.4348	Trinidad u Tobago	100	
09.4349	L-Uganda	—	
09.4350	Iż-Żambja	100	
09.4351	Iż-Żimbabwe	0	Intlaħqu

Zokkor kumplementari

Il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006

Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4315	L-Indja	—	
09.4316	Pajjiżi firmatarji tal-Protokoll AKP	—	

Zokkor konċessjonijiet CXL

Il-Kapitolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006

Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4317	L-Awstralja	0	Intlaħqu
09.4318	Il-Brażil	0	Intlaħqu
09.4319	Kuba	0	Intlaħqu
09.4320	Pajjiżi terzi oħra	0	Intlaħqu

Zokkor Balkani

Il-Kapitolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006

Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4324	L-Albanija	100	
09.4325	Il-Bożnja u Ħerzegovina	0	Intlaħqu
09.4326	Is-Serbja u l-Kosovo (*)	100	
09.4327	L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	100	
09.4328	Il-Kroazja	100	

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

Zokkor ta' importazzjoni eċċezzjonali u industrijali

Il-Kapitolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006

Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Tip	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4380	Eċċezzjonali	—	
09.4390	Industrijali	100	

Zokkor APE supplimentari

Il-Kapitolu VIII bis tar-Regolament (KE) Nru 950/2006

Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Pajjiż	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4431	Il-Komoros, Il-Madagaskar, Il-Mawrizju, is-Seychelles, Iż-Żambja, iż-Żimbabwe	100	
09.4432	Il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda	100	
09.4433	Is-Sważiland	100	
09.4434	Il-Możambik	0	Intlaħqu
09.4435	Antigwa u Barbuda, il-Baħamas, il-Barbados, il-Beliż, Dominika, ir-Repubblika id-Dominikana, Grenada, il-Gujana, Ħaiti, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, u l-Grenadini, is-Surinam, it-Trinidad u Tobago	0	Intlaħqu
09.4436	Ir-Repubblika Dominikana	0	Intlaħqu
09.4437	Il-Fiġi, il-Papwa-Ginea Ġdida	100	

L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007

Is-sena tas-suq 2008/2009

Nru tas-serje	Tip	% tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 1.6.2009-5.6.2009	Limitu
09.4365	Il-Bulgarija	0	Intlaħqu
09.4366	Ir-Rumanija	100	Intlaħqu